# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**

*Giebha żeiiġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**161.** **14 ta' OTTUBRU 1911.** **IR-RABA SENA**


FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# IL-LIBELL TIEGHI.

L-eŭŭel libell tiegħi fuk it-Tarznar ma chienx chif stampajna bi sball il ġimgħa l-oħra fl-1905 iżda fl-**1895** iġifieri sittax il sena ilu.

* * *

F'it-tlieta ta' Ottubru li aħna fih jiena, is-Sur G. Mizzi, Direttur ta'l «*Gazzetta di Malta*» u Ŭenzu Bnsuttil ta'l «*Malta Tagħna*» dhirna kuddiem il Korti Criminali għall libell li għamlitilna il Pulizija fuk il praspura ta't-telefonu ta'ż-Żejtun. Conna imħarrchin m'is-Surgent Vella u m'il Cuntistabbli De Guara għaliex kalu li inġurjajnihom personalment b'dac li ctibna fuk il meŭt ta' Baldacchino, u m'is-Sur Tancred Curmi, M.V.O., Sopraintendent ta'l Pulizija annom ta'l Corp collu billi deħirlu li inġurjajnihom ucoll.

Meta dħalna fl-isbarra l-Imħallef, li chien Stefano Micallef, L.L.D., ordna li jneħħulna il banc maħmuġ u collu trab li chien hemm u li jatuna is-siġġijiet u cull ma chellna bżonn biex nictbu għaliex ra li kuddiemu ma chellux xi tliet assassini li għamlu xi delitt aħrax iżda tliet galantomi u irġiel ta'l carattru li chitbu biss biex jiddefendu lil fkir u biex ma jaraŭhx maħkur.

Il Prosecutur chien l'avucat intelliġenti u Prof: M. A. Refalo, u aħna bħala Difensur tagħna chellna l-akŭa criminalista li għandna u li hu l-intelliġenti u maħbub minn cullħadd Avucat u Contin Alfredu Caruana-Gatto.

Aħna conna ħarricna lil Controllur biex jiġi jixhed u biex ijġib miegħu xi corrispondenza biex nippruvaŭ li xi żmien ilu saħansitra tabib minn ta'l Gvern chien irrapporta lil Controllur Micallef u dana chiteb lill Gvern contra dan ir-regolament chiefer li meta il fkir ijcollu bżonn li jsejjaħ l'it-Tabib ta'l Gvern bħal ma għandu dritt ijġiegħluh ijħallas is-*sixpence*. Iżda lill Gvern ma kabillux li tidher dic il corrispondenza f'il Korti u għalhecc l-Avucat Refalo għamel u ħakkak chemm felaħ l-eŭŭel biex ijcun jaf x'ridna nippruvaŭ biha, u meta għidnilu, biex ma tidherx, u ŭara li stkarr li hi *confidenzjali* il Korti kalet li ma chellna l-ebda dritt li inġibuha f'il Korti b'il forz. B'dana il Gvern beda juri m'il eŭŭel li chellu x'ijgħatti u għalhecc cull min chien hemm f'is-sala beda jgemgem u jzeczec chemm jiflaħ.

Għaddeŭ imbagħad għal ħatra ta'l Ġurati u telgħu daŭna is-Sinjuri:

*Prim Ġurat*: In-Nutar C. Alb: Micallef.

*Ġurati*: Enr. Sant, P.A.A., **impjegat ta'l Gvern**; l-Ispiżżjar Guido Cardona; Ruggiero Sapiano, P.L.; F. G. Ferrante, **impjegat ta'l Gvern**; l-Ispiżżjar Amante Marguerat; it-Tabib Mich: Bonello; Tancredi Fleri Soler u Ġanni Naŭdi. Ŭara li ħadu il ġurament ir-Registratur kralhom l-atti d'accusa.

Il Prof: Refalo imbagħad beda ir-*Requisitoria* li chienet ħarxa tasseŭ u li fiha uża xi cliem jebes li ma chienx ijmissu jagħmlu meta kuddiemu chellu tliet rappresentanti ta'l Istampa u m'hux tliet sbanduti. Dana fihem il fatt chif ġara iżda ma kabelx f'collox ma dac li ŭara kalu ix-xhieda u fuk collox ma' Spira Barbara. Kal li il kabla ma bagħtetx għa't-tabib b'il għaġla u li il Pulizija ma kdietx ħlief dmirha meta talbet is-sixpence għad li hu chif kal dmir kalil u chiefer.

Kal li il Pulizija ma chienetx taf li il cas chien urġenti u lankas li Baldacchino ma chienetx ticseb sixpence għad li Barbara kalet f'ix-xhieda tagħha il cuntrarju ta' dan

ma jżid l-ebda glorja lil min hu maghdud bħala ŭieħed m'il criminalisti it-tajjbin ta' pajjisna.

Dana chien ŭisk actar aħrax m'ir-*Requisitorja* u cull min chien hemm tfettet jisimghu meta ra li l-Imħallef ħareġ hecc f'il boghod m il ghalka tieghu. L-istenografu li baghat il Gvern ġabar dana l-indirizz chelma b'chelma. Aħna ma hemmx bżonn inġibu x'kal fih ghaliex tistghu tobsruh bħalna. Li chiecu il ġurat collha taŭ cas ta'l fehma tieghu li kalilhom ċara u tonda chiecu da'l hin kieghdin inghoddu il cŭiecheb m'it-tieka ta'ċ-cella.

Il ġurati ŭara ftit ħarġu b'il verdett sitta contra tlieta ghad-Dr: Mizzi, sebgha contra tnejn ghalija, u tmienja contra ŭieħed ghal Ŭenzu Busuttil ta'l «*Malta Taghna*.»

* * *

Fi ftit cliem min ried ijghacchisna ghax kdejna dmirna ta' veri ġurnalisti ta' carattru u li ma nibżghux m'il babaŭ ġiebha kastna u tana l'occasjoni li nerġghu inżejjnu isimna b'rebħa sabiħa oħra contra daŭc li jixtieku jlibbsu is-sarima lill istampa biex il ġurnalisti ma jcunux jistghu jinbħu b'leħen ghali. Mela la ħalkna ghadu miftuħ ħalluni inghajjat b'chemm ghandi gargi:

ABBASSO DEJJEM IS-SARIMA ! ! !

# TIFCHIRA TA'T-TKABIDA TA'L-ISLA MINN NAHHA TA'L-BAHAR U IR-REBHA TA'S-7 TA' SETTEMBRU 1565.

D'iż-żina gha'x inhija ?—Ghal fejn daŭn il bandieri,
U daŭn it-trofej collha—Li haŭn f'il cantunieri ?

Ghaliex da'l briju collu,—Da'd-dakk, da'l isparar ?
Il-lejla x'haŭn ġ'ol-Isla,—Collox ħuġġieġa nar ?

Ghaliex ix-xjuħ u'ż-żghażagh—Jidħru ŭiċċhom daħcan?
Iva, ħadd ma jŭieġibni—U jghidli x'inhu dan ? ...

Bħal-lum missierijietna,—Li ma chienux jixbħuna,
Rebħu u checċeŭ l'it-Toroc—Li ġeŭ biex jaghilbuna.

Mitt jum u ghaxra maghhom—Damu mħabbta 'x-xjuħ taghna
Jiehduha ma'l eghedeŭŭa—Li chienu ikatlu maghna.

In-nisa, 'x-xjuħ, u 'ż-żghażagh—F'chemm sar ġlied u takbid
Cont tilmaħhom ma'l katta—Jatu ucoll dakka t'id.

Hilithom f'it-takbida—Ureŭha sa't-tfal iż-żghar,
Billi bdeŭ bl-iżbandoli—Ijŭaddbu xita żrar.

U't-Toroc, b'kerk ta' ghadu—Biex f'xibca 'lcoll jitfaghhom
Ċieghidhom flus u ghana—U li jcun ħanin maghhom.

Gheŭieghom shih ghall-Ordni—B'it-tama li jxeŭŭixhom;
Imma ta'l-Isla ħallsu—Bil meŭt lil min reghixhom.

Meta 'l chiefrin ghedeŭŭa—Ġeŭ jaħbtu 'l San Michiel
B'il baħar, krib ix-xtajta,—F'ŭiċċ l-ilma, sabu xchiel.

Mnejn il-Ponta ta'l Isla—Sa fejn Ŭnieu is-Sinjura,
Chien hemm injam biex jilka—U jżommu l'it-Torc l-ura.

Ghalchemm ħaddmu l-imnanar—U'l gnaċ, ma ghamlu xejn ;
Taghna ħarġu m'il bŭejba—U liccmulhom dakktejn.

Ŭakt ir-rambaġġ xi dghajjes,—Li raŭha ġejja fart,
Żgiċċaŭ u resku 'l-Ponta—Fejn niżżlu xi nies l-art.

Dana li riedu taghna:—Chif daŭc ġeŭ taħt is-sŭar,
Fetħu fukhom f'ħin ŭieħed—Chemm chellhom ħluk ta'n-nar.

Nar aħrax ghal fuk l-Isla—Fetħu ucoll il-chiefrin
Minn fuk gholjet Neŭŭija,—M'il Mandra, u minn Cordin.

X'cont tara f'ŭiċċ il-baħar—Hafna dghajjes maħruba,
Tarchi, slielem u tnabar,—Iġsma mejjta u midruba.

Id-dghajjes f'dic il flxcla—Bdeŭ jaħbtu ma' xulxin,
U chif jinfetħu fl-ilma—B'collox jibkghu niezlin.

Raxxa toroc, li ħelset,—Bdiet tielgha ma'l ħitan;
Mnejn fukhom niżlet xita—Ta' żejt jaghli u katran.

Iżda fis ġrat gażiba;—Xi ħorom b'il cubrit
Hadu 'n-nar collha f'dakka;—U taghna tŭarrbu ftit.

It-Toroc, chif raŭ dana—Ghamlu ħila 'l-xulxin,
Telghu u ŭaħħlu sitt bnadar—Bi nchejja ta'l Maltin.

Iżda daŭna chif raŭhom—Fuk is-sŭar f'dakka maghhom;
«Madonna ghinna ! » u reġghu—Ureŭ il ħila taghhom.

Ghamlu ghalihom bl-icreħ—Daŭŭruhom minnu fih,
Xteħtu fukhom bħal ljuni—U bdeŭ ijkattghu shiħ.

Ma'd-dakka ta' cull Malti—Bdeŭ jittajjru 'd-dirghajn;
U 'r-rjus chienu jitgerb'bu—Bħal balal ma's-sakajn.

Minn taghna naksu disgha,—Toroc krib id-disghin;
M'hux actar ghaliex beżghu- M'il killa ta'l Maltin.

Daŭca li dabbru rashom—Fettxeŭ it-triek mnejn ġeŭ,
Billi ħasbu li shabhom—Bakghu hemm jistenneŭ.

Taŭ salt biex jerġghu jiehdu—Il-bnadar imŭaħħlin;
Iżda laħku ħatfuhom—Kabilhom il Maltin.

Chif raŭ li baka f'ŭiċċhom—Taghna m'il cbir sa 'ż-żghir,
Ghamlu ghors, daħku bihom,—Haduhom b'it-tisfir.

Mirbuħa m'ix xjuħ taghna—It-Toroc micsurin,
Ħarbu u ħalleŭ taħt l-Isla—Elfejn b'collox mejjtin.

U b'ghaġeb cbir ta' Malta—L-eghdeŭŭa minn tant nar,
Ŭaka fukhom bħal biża—Illi ħalleŭ is-sŭar.

Ŭarreŭ chemm ghodod chellhom—Lejn ix-xtut mingħajr ħiss
Ghabbeŭ collox ġo'x-xŭieni—U telku chiss-inchiss;

Taghna bil ferħ se' jtiru,—Xhin gharfu l-biċċa seŭŭa,
Ghajjtu: «Rbaħna! Vittorja !—Beżghu,....ħarbu, l-eghdeŭŭa ! »

Issa taf: ghax il-lejla—Issir d'il festa, xbin ?...
Mel' ghajjat, «Viva l-Isla—B'in-nies m'hux mirbuħin ! »

F'is-7 ta' Settembru 1902. DŬARDU CACHIA.

# IL CURA TA'S-SAUM

( *Tissocta minn numru ta' kabel.* )

R. E. WHEELER ta' Omaha, Nebraska, sam ghal **hames** t-ijiem u hareġ cuntent ŭisk. «*I can simply say I was astonised by the results*» Żied b'is-saŭma tnax il-libbra pis u seŭŭa l-istoncu tieghu.

* * *

M. E. HALL, ta' 750, Penobscot Buildg: Detroit, chien ilu fuk ghoxrin sena juahŭah bl-**istoncu** u b'**imsarnu**. Sam ghal **hdax** il ġurnata. Beda is-saŭma b'186 libbra u chellu 57 sena. Tilef 14, tmienja minnhom fl-eŭŭel tliet t-ijiem. Ma dan chien ijbati ucoll b'*costipazjoni* kaŭŭija. Chiser is-saŭma bl-arinġ u il halib u sab ruhu imfejjak. Il costipazjoni cediet ma'r-raba jum ta's-saŭma. «*For over four months had no indigestion, bowel regular and normal.*»

* * *

JAMES Y. ANTHONY ta' 504, West Second St. Los Angeles, Californja, chellu xi ghoxrin sena ilu **catarru fl-istoncu** u f'**imsarnu** li dan ta'l ahhar ghadda f'**tubercolosi ta'l imsaren** b'**nefha** kaŭŭija ta' **reŭmatismu**. Dana chien sama b'il cura ta' Dr: Salisbury u ried jippruvaha. Dana chien tabib m'il ahjar li chien hemm u il cura tieghu chienet li jżommoc biss ghal żmien tŭil fuk il polpa ta'ċ-ċanga bla grass u gheruk xejn u b'xarba mishun chemm iġġerrghu siegha u nofs kabel cull icla u kabel torkod. Dana Dr. Salisbury chien jibda biex lil marid jatih ukija polpa ta'l laham u jibka jżidlu sa jtellaghlu libbra culi jum. Il haġa curjusa f'dina il cura hi li il morda jnakksu il pis seŭŭa. Dana Anthony fl-eŭŭel disa xhur cura tilef minn 140 libbra li beda bihom 50 ghaliex baka nieżel sa 90 libbra. Iżda ghal min ijhaddem ftit mohhu dana in-nukkas ta' pis ma fih x'tistaghġeb xejn ghaliex billi libbra polpa ma fihiex actar minn erba t-eŭiek albumina u dina ma hix b'iż-żejjed biex ijghix bniedem ma jcunx kieghed jaghmel haġ'ohra hlief ijsaŭŭimhom actar f'it-tul u b'il mod. Ahseb u ara meta jcunu kieghdin jieclu ukija jeŭ tnejn polpa ta'l laham cull jum. Meta ma'l laham ijżidilhom il hobż u xi hŭejjeġ ohra jibdghu jismnu ghaliex il ġisem jibda jsib ichel b'iż-żejjed mnejn jahżen. Dana Anthony fiek ghal collox m'it-tubercolosi li chellu f'imsarnu billi ġie sam f'it-tul u b'il hafna mishun li xorob ġieghel lil ġilda tghin lill clieŭi biex naddfulu il hafna veleni li chellu mahżuna f'ġismu u b'hecc il microbi ma chellhomx fuk hiex jixxalaŭ actar u mietu. Dr. Salisbury jirriccmanda li il bniedem ghandu jiecol ma żeŭġ-terzi laham terz hobż, hxejjex u frottijiet u Sinclair li ipprova dina il hajja ghal xi żmien sab li fukha jahdem ahjar b'mohhu. Dana Anthony minn mindu fiek l-haŭn cull tant chien ijhaxxex fi-ichel u ghalhecc chien ma jhossux fiha xejn. Biex jarġa jiġi f'sictu chien ijdur gha's-saŭm u fi sbatax il sena sam xi tmien darbiet bejn **hamsa** sa **hmistax** il ġurnata. Actar ma chien jixrob mishun fihom ilsienu actar chien jindaf malajr. Dana jghidilna li meta l-istoncu jcun nadif tasseŭ l-ilma ghandec thossu helu. «*the water tasted sweet—this is the test of a clean stomach.*» Anthony mar tajjeb hafna b'is-saŭm u hareġ jiftahar. «*Fasts have benefited me and I recommend them. I consider that you are doing a great work in recommending the fast-cure*» Anthony jirriccmanda il polpa ta'ċ-ċanga biex ticser is-saŭma. «*Beef pulp is the best thing to eat after a fast as it is absorbed quickly into the circulation.*» Dr: Salisbury chien ilu ghal tlietin sena jghix hecc u miet ta' 82 sena b'd sgrazzja f'aŭŭissu ta'l 1905. Anthony il-lum ijghodd 65 sena. Il marda li chellu chienet ŭaslet fl-ahhar «*my disease being in the last stage,*» u dana fiek minnha billi sam xort'ohra u b'hecc serrah imsarnu ghaliex fl-eŭŭel ġranet ma chienx jiecol hlief ftit eŭiek polpa ta'ċ-ċanga li meta tnehhi l-ilma ta' ġo fiha chien ijcun kejsu li ma chiel xejn.

* * *

H. MITCHELL GODSEY chien ilu xi ghoxrin sena mahkur bl-**asma** u b'**catarru cronicu** maghha. Malli chien ijhoss feŭġa chiesha minnufih l-asma chienet tahkru bi tnejn jeŭ tliet attacchi ma' tul il-lejl tant li xi dakkiet chien jahsbu sejjer ijmut. «*I felt as if I was breathing my last.*» Meta beda jipprova saŭmiet ksar ta' ġurnata il ŭahda u jnakkas m'il-laham li chien jiecol dejjem beda jhoss ruhu ahjar u l-attacchi ta'l asma bdeŭ jitbieghdu. Sam l-ahhar jumejn ta' Dicembru 1909 u beda is-sena jiecol il frott, (arinġ, lumi u gheneb, u ŭara żied it-tin, it-tamar, il banana, it-tuffih u il-leŭż-ta'l-gharusa li kabel chien ijhossu tant tkil. Tmien t-ijiem ŭara li chiser is-saŭma tah l-ahhar attacc ta' asma u ma hassha katt actar. Sab imfejjka ucoll il *costipazjoni* li chien ilu ghal tliet snin shah batut biha. Beda jorkod lejlu collu u beda jista jiehu in-nifs minn imnifsejh (haġa li kabel ma chien jista jaghmilha katt) ghad li chien Jannar u chien beda jorkod b'żeŭġ tŭieki miftuha berah. Baka jghix fuk l-ichel nejj. Meta beda jsajjru raġa nsadd u raġa iffaċċalu il catarru. «*With the return to cooked foods came a return to costipation and with it traces of the old cold or catarrh. When my bowels were moving freely, then and only then was I free of catarrh or cold.*»

«*I am living on a raw food diet entirely and I am enjoying the best of health in every particular all the while.*»

* * *

L. F. RADER ta' Olalla, Washington, miet f'Mejju ta'l 1910, ta' 47 sena meta chien kieghed ijsum. Minn tfulitu chien dejjem marradi u ŭara li nefak hafna flus f'il medicini u tabbab chemm felah dar ghal dana ir-rimedju u sab fih ghal l-eŭŭel xi faraġ li ma chien katt sab kabel b'il medicini. Biex jaghmel is-saŭma intreha f'idejn it-Tabiba Linda Burfield Hazzard li ghandha f'Seattle sanatorju biex tfejjak in-nies b'is-saŭm u li tifhem hafna ghaliex f'erbatax il sena ġa iccurat fuk elfejn ruh. Sam xi xahar, tjieb u mar ghax-xoghol. Żmien ŭara raġa marad ghax haxlef fl-ichel u raġa mar fittex lil Dr: Hazzard—billi l-eŭŭel darba chienet hi li fejjkitu. Iżda xi hadd mar sefsef lill Pulizija li chienet kieghda toktlu b'il ġuh u ghalhecc dahlu fuku, arrestaŭh u meta ma riedx jiecol riedu jghodduh b'miġnun. Lilha ghamlitilha caŭsa biex bakghet biha (il Pulizija) b'xiber imnieher. Dana il hafna ghali u tahbit chidduh hafna u miet. Allura sar l-isbarr u sabu li msarnu chienu tant imgharrkin b'il medicini li chien ha kabel u sabulu sa calculi ta' xi nofs qŭart il ŭiehed li bihom ma satax ijghix. Il pulmuni u l-istoncu chienu ucoll mahsusa seŭŭa u il fŭied minfuh. Tasseŭ li sam ghal xahar iżda f'is-sanatorju ta' Dr Hazzard bosta jsumu sa hamsin ġurnata bla ma jiġrilhom xejn anzi jfieku.

Dana il cas ŭera ċar li jecc ŭiehed ijcun marid minn ġeŭŭa bl-icreh u ŭara li jtabbab ghomru, jsum u jmut il htija ma tcunx ta's-saŭma, ghax din isserrhu biss tista, iżda ta'l hafna mardijiet li jcollu ġo fih. Dana il cas ġibtulcom biex ma tghidux li jiena inġib il casi li jfieku biss. Jiena ma ghandix ghax inżomm ma banda actar milli ma l-ohra u ghalhecc kieghed inghidilcom il verità collha chif insibha f'il cotba.

(*Tissocta*)

XXXVI.

ŻAŻRA MAHRUK ĦAJJ !

Malli daħlu u kaghdu b'il kieghda it-Tabib Xara beda jghidlu : —

—«Dic il ħabta li cont kieghed nara daŭc il ħŭejjeġ collha ta'l ghaġeb minn ghand Żafira il ħbieberija tieghi ma ta' Falzun chienet ġa sħiħa ġmielha. Matteŭ chien żaghżugh imfarfar seŭŭa u chellu moħħu tant tajjeb li chien ijghaġġeb lil cull min chien ijghallmu. Chien mixħut b'ir-ruħ u il ġisem ghand id-Dumnicani li chellhom dic il ħabta, bħal ma tista tghid li ghandhom dejjem, ħafna nies ghorrief li collha, u fosthom l-actar Patri Damjan, chienu jħobbu jghallmu lil bin il Hachem.

«Billi chellu xeŭka cbira ħafna li jsir tabib tista taħseb lili chemm chien ijġibni tajjeb u billi dac iż-żmien cont ghadni fl-aħjar tieghi u morda cont nara b'ħa't-trab chien dejjem ijsus urajja biex jitghallem xi ħaġa minn ghandi ucoll.

«Jiena, ŭaħda ghax cont inħobbu ħafna billi l-imġiba tieghu chienet dħulija ŭisk u l-oħra ghaliex il Hachem chien ta' sicuit ijraħħamli li jixtiek dejjem jarah ma' riġlejja biex ma jcollux ħsiebu u jaghmilha ma' xi ħbieb karrieka, cont sirt miġbud lejh bħallichiecu chien ħija.

«Darba ma nafx chif cont tarraftlu xi ħaġa fuk dina Żafira u tilef moħħu fukha. Hadli rasi jreddinli biex xi darba nurih xi ħaġa minn dac li chienet taf taghmel u b'it-tŭila u il kasira, ŭara li ŭieghidni li ma chellux ijxandar xejn ma' ħadd ghax conna kieghdin nilaghbu ħajjitna, ghidtlu li naktaghlu xeŭktu. Billi hu ucoll chien ijħobb ħafna il caċċa tlabt lil Hachem biex nieħu lil Matteŭ x'erba t-ijiem mieghi il Ŭardija u dana m'hux talli ma kallix le iżda urieni li ha ferħa ghaliex chien jaf tajjeb li minn ma' ŭdŭari dejjem ijħassel xi ħaġa sgur.

«Morna u malli beda jara il Żafira taħdem ghal l-eŭŭel ħabat donnu jitchexchex b'il biża iżda ŭara rabba il ħila u issaħħar ŭara dac il gherf xi ftit actar milli cont issaħħart jien. Żafira malli lemħitu inġibdet bla tarf lejh ghaliex chien żaghżugh kamħi u ħlejju li jġeghlec thobbu tasseŭ u meta chien jaħdem maghha hu ix-xoghol chien jirnexxi ŭisk actar ghaliex chienet taghmel ħilitha collha biex takdih m'il aħjar.

«F'daŭc il ftit ġranet li bkajna il Ŭardija rajna tasseŭ ħŭejjeġ ta'l ghaġeb. L-eŭŭel ma ħarġet id ta' mara minn ŭara il purtiera, kabdet id Matteŭ u żeghlet bih chemm felħet. Ŭara deħret tittaŭŭal ras li jiena malajr gharaftha li chienet tixbaħ ħafna lil Rossalana, omm Żafira, u li chien ilha tant mejjta li bintha ma nafx jecc chienx bakghilha xi ħjiel taghha. Matteŭ baka b'ħalku miftuħ u ried ijghid li chienet xi ħlieka ta' Żafira iżda meta xghilt id-daŭl u ŭrejtu li Żafira chienet ghadha mitlufa, marbuta ma's-siġġu ma gharafx x'jakbad ijghid u ghal ftit tbicchem b'il ħasda. Żafira stejknet ftit u talbet lil Matteŭ li jitla fuk il mejda b'il ŭiekfa u li jgholli idu chemm jista. Falzun hecc ghamel u ħass min jakbadhielu, jaghfashielu u jbushielu bi ħrara cbira. Żafira chienet f'il baxx ħafna u ma setghetx tcun hi sgur. Billi conna ħejjejna ftit tafal niedi ŭara il purtiera ghedt lil Matteŭ biex jidħol ijġibu. Falzun ta is-salt biex jaghmel chif ghidtlu iżda ħass żeŭġ idejn li mbuttaŭh il barra. Rabba il ħila, kabad it-tafal u chien ħiereġ bih x'ħin ħass minn jimbuttah tant kaŭŭi li ghal ftit ma nkalebx ŭara nijiet b'collox. Fuk it-tafal chien hemm il marca ta' id ta' mara maghluka.

«Ftit ŭara ġiet il chitarra tghum u iddokk fl-arja. Meta sichet jiena bdejt indokk fuk it-truf ta's-sŭaba ta' Żafira u il chitarra bdiet iddokk bħali Fl-aħħar tkieghdet f'nofs il mejda u ma ghamlet l-ebda ħoss iżjed. Darba Matteŭ x'ħin rafa idu fl-arja ħass min kabadhielu u ġibidhielu ŭara il purtiera u ghajjat ghajjta li tŭaħħax x'ħin ħass minn jigdimlu sebghu ta'n-nofs seŭŭa. Iżda ma ghaddiex żmien ŭisk li minn ŭara il purtiera ħarġet ir-ras ta' mara ta' kabel li chienet tixbaħ l-omm Żafira u biesitu kaŭŭi fuk ġbinu. Matteŭ rafa idu u żieghlilha b'ŭiċċha. Ghal-l-eŭŭel ħass il ŭiċċ sħun u donnu ħajj ta' mara iżda minnufih ħassu bħal ijdub f'idejh sa ma deherx actar Falzun baka mixrub donnu statŭa b'il ghaġeb cbir li ġarrab.

«Meta Żafira gholliet il mejda fl-arja ġisimha collu ebies bħal ghuda ghad li ma messetx maghha. Ġie li Żafira rat x'incun kieghed naghmel ghad li ma contx incun fejn jistghu jilmħuni ghajnejha. Billi Falzun ried jaħseb li il mejda chienet ġiet imghollija fl-arja b'xi kerk ta' Żafira, ħassha m'il ġdid tielgha f'il gholi u issabbtet ma'l art b'tant kaŭŭa li saret bċejjeċ f'il ħin li hu chien kieghed ijżomm b'idejh it-tnejn l-idejn marbuta ta' Żafira. Darba Matteŭ ġemmed carta fuk il musbiħ u kieghidha fuk il mejda b'pinna ta'r-rix ħdejha u talab lil dic li chienet biesitu b'tant ħrara biex tghidlu min chienet billi tictiblu isimha. Sama minnufih it-tħarbix ta'l pinna fuk il carta u meta ħadha krib id-daŭl kara fukha mibrux «*Rossalana.*»

—«Tghid ġiet minn kbarha biex tghin lil bintha, tabib ? » staksa Gaŭci.

—«Ma nafx inuieġbec,» kallu collu mnicchet Xara. «Min jista jaf jecc chienetx hi tasseŭ jeŭ xi ħaġa maħluka minn moħħ Żafira stess b'is-setgha ta'l ghaġeb li chellha ? Ġa ghedtlec darb'oħra li x'inhuma seŭŭa da'd-deħriet ghadna ma nafux. Incomplu mela inghidu biss x'rajna. Darba Matteŭ talla f'il gholi tazza mimlija bl-ilma; id ħatfithielu minnufih u xerrditlu l-ilma fuku. Raġa rafa idu u xi ħadd tah it-tazza f'idu iżda malli kabadha ried jarġa jaħtafhielu. Falzun ma telakhiex, l-ieħor ġibed chemm felaħ biex jieħodhielu tant li biċċa m'ittazza tkaċċtet u bakghet f'idu. Fl-aħħar irnexxielu jieħodha u sabbatha ma'l art. Aħna ħsibniha saret elf biċċa iżda meta irfajniha sibniha li ma inchisretx. Xi dakkiet ġie li rajna bħal idejn barranin joħorġu m'il ġisem ta' Żafira, tŭal, tŭal u jmissuna, li imbaghad chienu donnhom ijdubu meta inmissuhom u jarġghu jidħlu f'ġisimha. Idejha dejjem chienu jcunu miżmumin tajjeb meta chien jiġri dana collu. Ġie li rajna ras b'it-turbant abjad ucoll tiffaċċa minn ŭara il purtiera u tarġa tghib. Xi drabi x'ħin cont inżommilha idha ix-xellugija rajt ċar ħafna u bla ma stajt nitkarrak id xellugija oħra ħierġa m'il istess spalla li chienet tmur tmiss lil Falzun u tarġa tidħol mnejn ħarġet bħalli chiecu dabet. Xi dakkiet fuk rasha chien jidher bħal daŭl imfassal donnu anġasa li ŭara li chien jokghod hemm ghal ftit żmien chien ijghib jeŭ jittajjar ma'l camra. Minn ġisimha ucoll xi dakkiet conna naraŭ ħiereġ bħal daŭl bħal dac li jati xi frott-ta'l-baħar f'id-dlam. Meta il mejda chienet titla fl-arja il ġisem ta' Żafira chien jiżdied f'il pis dac ta'l mejda ucoll ghad li ma chienet katt tmiss maugha. Darba niftacar li middet idha u talbet il Falzun li jarfa siġġu. Matteŭ tkanżaħ chemm felaħ iżda is-siġġu chien donnu imsammar ma'l art. Ŭara reġghet messitu b'idha u kaltlu biex jerfghu. Falzun refghu b'it-tbatija ghaliex ħassu tkil ŭisk. Ŭara reġghet messitu u kaltlu biex jeħfief. Falzun refghu u sabu ħafif daks rixa b'ghaġeb cbir tieghu ucoll.

«Darb'oħra cont xtrajt trumbetta u kieghidtha fuk l-ixcafla ta' ŭara il purtiera. Darba jiena u Falzun naraŭha, f'id-daŭl seŭŭa, tittajjar fl-arja u iddokk u ŭara li daret ftit ma'l camra reġghet kaghdet fejn chienet kabel. Darb'oħra, kuddiem Falzun stess Żafira telghet ŭieħidha b'is-siġġu fl-arja, damet ftit hecc bla ma tmiss ma xejn, jien u Matteŭ ghaddejjna sa idejna minn taħt issiġġu biex incunu sguri li ma chien ijmiss ma xejn, u ŭara raġa niżel fl-art f'locu f'il ħin ll Żafira chienet mitlufa, ċitniħed u tocrob chemm tifl ah.» (*Jissocta*)

## St. PAUL'S INSTITUTE

**28A, Strada St. Ursola — Valletta.**

Dana l'Istitut, imŭakkaf m'is-Sur Cesareo fl-1878, u minn ŭara il meŭt tieghu riformat u dirett mir-Reverendu Dun Ġŭann Gauci, M.A., DD., meghjun minn Dun Ġusepp Darmanin B. Lit., DD., Surmast fis-Siminarju, u minn sitt Surmastrijiet ohra seculari, biex jipprepara tfal ghal-Liceo, gha's-Seminarju u gha'd-Dockyard, raġa fetah, ŭara il vaganzi, fl'4 ta' Settembru li ahna fih.

Dauc il ġenituri illi jixtieku jdahhlu l'uliedhom f'dan l-Istitut huma mitlubin li jiehduhom fil ghodu m'id-9 sa nofs inhar.

X'ijsir f'dan l'Istitut juru biċ-ċar ir-risultati sbjeh li chellu fl-ahhar esamijiet ta'l-Liceo fejn m'il ghaxra li ippresenta ghaddeŭ tmienja b'punti gholjin hafna.

Ahna billi nafu chemm hi cbira il hila ta's-Surmastrijiet li hemm ijghallmu nirraccomandaŭh b'kalbna collha.

## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso javża lill clientela tieghu li biex ijcun jista jakdiha ahjar minn Rahal Ġdid niżel jokghod il Belt, fil Strada Stretta Nu. 156, cantuniera ma' Strada San Giovanni u fejn hu armat b'cull xorta ta' ghodda moderni u m'il ahjar biex ijcun jista jaghmel bridge u crown work, u xoghol fuk il metal chif ijmiss u bi prezzijiet moderati tasseŭ.**

*Sejjer Johrog'*

## IR-RUH NISRANIJA KUDDIEM GESU' SACRAMENTAT

### SIEGHAT TA' ADORAZJONI

TA'L

### CAN: TEOL: LUIGI VELLA, D.D.

TA GHAŬDEX.

Dina l-eŭŭel taksima ta' dana il ctieb tant sabih u mehtieġ ghal min ijrid ijsalva ruhu sejjra tohroġ gha't-tieni darba billi l-eŭŭel harġa inhatfet fi żmien kasir, ghad li minnha chien ġie stampat ghadd cbir ta' copji. Billi hafna talbu lill imfahhar chittieb b'il malti Can: Vella dana thajjar jiġbor l-imsiehbin biex jecc ijsib b'iż-żejjed jarġa johroġha. Ma dac li chien fih kabel bi hsiebu jżid xi haġ' ohra. Jcun ijkum XELIN U ERBA SOLDI mal cunsinja u ghal min ma jcunx imsieheb actar. Il-legat u indurat xelin u ghaxar soldi: Min issieheb fi tnax il copja jiehu uahda ohra b'xejn.

Min ijrid jissieheb jista jicteb ucoll lili jeŭ lil Can: Vella, Strada Sabina, Città Vittoria Ghaŭdex. Dana il ctieb ta' chittieb tant gharef nirraccomandahulcom b'kalbi collha.

Min ijrid jixtri macna ta't-thin u ta'l ghaġin moderna *uso Napoli* jmur fejn hi kieghda, Strada Reale, No. 10, f'Ha'ż-Żebbuġ.

# TÈ TA CEYLON 'MARAVILLA'

## IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI TAD=DEHEB

GHAL

KAUUA IT=TOGHMA U IS=SAFA TIEGHU

## JINBIEGH 1s. 8d. & 1s. 10d. IR=RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA

# C. CAMILLERI & SONS

## 50 u 51 Strada Mercanti il Belt

CAMPJUNI TA DAN IT-TE' JINTGHATAU B'XEJN.

# BRITANNIA

STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA

BRITANNIA

INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caûba.**

**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA

Biex tinzammu b'sahhitcom

IPPURIFICAU

BIDDLU

u SAHH'HU

D E M M C O M

BID

# D E P U R A T I V

# R I C H E L E T

Daŭc collha li jridu jiccuraŭ rŭiehhom u jinżammu dejjem b'saħħitom minngħajr ma jinħakru b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jeŭ TLIETA fis-sena minn din i medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haŭn Malta jinxtara minn għand **L-Ispizzjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 26. Il Belt.



Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu



**L'ELIXIR**

## TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tie-let flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A.Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.



# Is-Sur Raff: Bonello

TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

**(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)**

għandu għal bejh cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.



MIN IJRID IJNADDAF IR-RAM JEŬ METALLI OHRA BI RHIS HAFNA, B'LUSTRU M'IL ISBAH U MINN GHAJR EBDA PERICOLU TA' HRUK GHALIEX MA FIHX NAFTA BHAL L-OHRAJN NIRRACCOMANDALU IL

## METAL POLISH "PHONIX"

LI JINBIGH GHAND L-ISPIŻŻJAR ALFREDU CUMBO TA' STRADA REALE, KUDDIEM IL CLUB, IL BELT, GHALIEX META IPPRUVAJTU SIBTU TAJJEB TASSEŬ, IRHIS U BLA PERICOLU LI TISTGHU TINHARKU BIH.



# IS-SECLU TA'N-NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haŭn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il misħuta**

## NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Hafna ippruvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ŭara studju cbir sab il famus**

## ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

TA' STRADA RJALI, TA'L BELT

**IPPRUVAŬH GHALIEX MA JIBDIELCOMX !**


In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.